MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Numru. 120/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**Vs**

**Rittmar Hatherly, bin James u Carmen xebba Farrugia, imwieled Pieta` fit-23.07.1987, residenti Nru 37, Flat 6 Triq il-Kapuccini, Furjana u detentur tal-karta ta' l-identita` nru. 0363987M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli:

1. Talli gewwa l-Furjana fl-04 ta' Frar 2013, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, liema serq ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94) u ghalhekk ikkwalifikat bil-mezz li sar

ghad-detriment ta’ Kenneth John Incorvaja detentur ta’ karta ta’ Identita: 029677M;

2. U aktar talli fl-isess data, lok, hin u cirkostanzi, laqa ghandu, jew xtara hwejjeg misruq, mehuda b ‘qerq, jekk akkwiwatati b’reat jew b’kull mod li jkun indahal biex ibieghom jew imexxihom;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara ma teccedix il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta’ reg. ABJ668 ta’ ghamla Fiat Punto ghad-dannu ta’ Kenneth John Incorvaja;

Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv b’diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistghux jibidlu. Art 49.50 Kap 9.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghal dak illi ghamel u ikkumpensa lill-vittma ghad danni sofferi .

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b), 263, 344(a), 325(c), 17(h), 49 u 50 tal-tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-

konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin mil-lum

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din l-Ordni ta' Probation jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi kondizzjoni imposta fuqu f'din l-ordni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni mghotija lili mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u l-Parole. .

Finalment il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza flimkien mal-atti tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------